**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, il-Gimgha, 15 ta' Mejju, 2020.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Marvic Mercieca**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Marvic Mercieca ta' sitta u tletin sena (36), bin Eucharistico u Rita nee Cassar, imwieled Rabat Ghawdex fid-09 ta' Jannar, 1984, u residenti 51, Triq Ulisse, Zebbug Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' nru. 7284G. li permezz taghha gie akkuzat li nhar il-31 ta' Marzu 2020, fi x'hin bejn 8.30p.m. u 9.30p.m. minn gewwa l-parkegg tal-Ministeru ta' Ghawdex, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi flimkien ma' huh

1. Ikkommetta serq ta' ghadd ta' panelli li l-valur taghhom jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda hu anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' Ghawdex u/jew il-Gvern ta' Malta, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-kapitolu 9;

2. Talli wahdu kkommetta s-segwenti reati minn gewwa l-parkegg tal-Ministeru ta' Ghawdex, Rabat, Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Marzu 2019 u ukoll fil-granet u gimghat qabel din id-data, f'hinijiet differenti tal-gurnata u/jew il-lejl, b'diversi atti maghmulin minnu li ghalkemm fi zminijiet different qed jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda; (Kap 9 Art 18).

3. Ikkometta serq ta' ghadd ta' pannelli li l-valur taghhom jaqbez aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' Ghawdex u/jew il-Gvern ta' Malta, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9.

5. Talli kommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mgt. Dr. Doreen Clarke LL.D.) b'sentenza moghtija nhar il-5 ta' Mejju 2018 liema sentenza saret definittiva w ma' tistax tigi mibdula.

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrenda ruhu recidiv billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta/Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu u dan bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda tal-Probation Officer;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih b'dan li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.
Rat li matul l-istess ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Il-Qorti wissietu bi kliem semplici u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jigi misjub hati u l-Qorti tghaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Ligi li tista' tkun wahda ta' prigunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti ghaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat hin lill-imputat sabiex ikun jista' jirrifletti fuq din it-twissija moghtija lilu mill-Qorti, inkluz billi, jekk irid,

jikkonsulta mal-Avukat Difensur. Wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex jiddeciedi jekk hux ser jerga' lura mil-ammissjoni registrata minnu, fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu u wara li kkonferixxa mieghu, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Fid-dawl tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih skont kif intqal aktar 'il fuq;

Fliet ix-xiehda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-fedina penali tal-imputat u semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti semgħet ukoll sommarjament lill-Ufficcjal tal-Probation li kien qieghed isegwi lil Marvic Mercieca jiddikjara li l-akkuzat kien ghamel progress kbir. Kien imur ghall-appuntamenti u kien anke wasal biex jiehu l-methadone d-dar ghax kien stabbli. Din hija prassi li ma tithaddimx ma kulhadd izda m amin jkun ghamel progress konsiderevoli fit-terapija. L-akkuzat kien anke qed jikkommunika ma' wliedu u kellu f'mohhu illi jghaqqad il-familja meta s-siehba tieghu tohrog mill-habs. L-Ufficcjal ammetta illi kienet sorpriza kbira ghalih meta gie nfurmat b'li kien ghamel l-akkuzat u dan minhabba l-progress li kien sar.

Il-Qorti semghet lill Uffiċjal Prosekutur jispjega illi matul l-interrogazzjoni l-akkuzat ammetta li kien ha l-erbatax (14)-il pannella mil-bitha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Dan ghamlu wara li kien ammetta illi ha hamsa biss. Kien anke wieghed illi ser jirritorna l-pannelli kollha u fil-fatt hekk ghamel. L-Ufficcjal Prosekutur ikkonferma wkoll illi l-akkuzat ikkopera eventwalment mal-Pulizija. Huwa anke rrilaxxa stqarrija. Jghid illi l-imputat huwa ricediv u mhux l-ewwel darba li cappas idejh mal-gustizzja kemm-il darba mhux biss fuq droga, izda anki fuq serq.

Id-difiza ta' Mercieca immexxija mill-Avukat Larry Formosa sahqet li f'dan il-kaz il-Qorti kienet mistiedna tikkonsidra tpoggi lill-akkuzat taht *probation order* billi piena karcerarja tkun qed isservi sabiex tesponi lill-akkuzat ghal riskju illi jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga. Id-difiza sostniet illi bi *probation order* l-akkuzat ikun segwit rigorozament u jkun jista' jkompli fit-triq it-tajba. Jghid illi huwa minnu illi kkommetta r-reati li bihom qed jigi akkuzat izda fil-habs ma hux il-post minn fejn l-akkuzat jista' jimxi 'l quddiem. Id-difiza stiednet lill-Qorti tikkonsidra wkoll *community work.*

Il-Qorti gharblet dawn is-sottomissjonijiet kollha u tqis illi fic-cirkostanzi wara li wiznet ix-xhieda tal-Probation Officer mhix sejra twarrab l-osservazzjonijiet illi ghamel il-

probation officer aktar u aktar meta jidher illi l-akkuzat qed jaghmel hiltu sabiex jirriforma ruhu. Din il-Qorti izda tawgura illi l-akkuzat jirrealizza illi mhuwiex vallapena illi jissaggrifika l-futur ta' hajjtu u tan-nies ta' madwaru specjalment ta' wliedu bil-kommissjoni ta' reati. Minn dak illi qal l-avukat difensuri jidher illi l-akkuzat kiber minghajr omm u spicca vittma ta' ilpup illi hemm fis-socjeta. Fil-fehma tal-Qorti l-akkuzat ghandu *"window of opportunity"* sabiex jibni relazzjoni ma uliedu sabiex jiggwidhom fil-hajja halli jevitaw l-izbalji li ghamel hu. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghall-akkuzat li b'hidmietu matul dawn l-ahhar sentejn forsi nfethet tieqa ta' opportunità, mhux ta' min tinghalaq billi jintbaght il-habs. Kif sewwa sew gie ritenut *"Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha bl-applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq ta' l-anticedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra mis-semplici fatt li persuna tkun precedeneament inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew m'ghandhiex f'kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ..."*[1].

Fil-kawza appena kkwotata kienet giet ukoll ikkwotata sentenza ohra li trattat l-istess punt: **Il-Pulizija vs George Farrugia**[2] fejn ukoll fost affarijiet ohra, dik il-Qorti kienet qalet, *"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dana jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija rriversibli – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' rriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkonvidini l-fehma ta' l-Avukat Generali li ordni ta' probation hu ndikat biss ghall-first offernders zaghzagh. Anki fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira li forsi hu recidiv tista' titfacca fil-hajja ta' dik li-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...."*

Barra minn hekk il-Qorti fil-kawza ll-**Pulizija vs Charlot Aquilina**[3], il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta'Probation.

Fuq din l-iskorta ta' insenjamenti din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba, pero qed tavza lil akkuzat illi jekk jaghti bis-sieq din l-opportunita darb'ohra jkun hemm ic-cella tistennieh .

*Quindi* din il-Qorti hasbet fit-tul dwar xi tkun il-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi. Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha. L-imputat irregistra ammissjoni fi stadju

---

[1] Il-Pulizija vs Ritmar Hatterly, 9 ta' Ottubru, 2008.
[2] Deciza 18 ta' Jannar, 2001
[3] Deciza 7 ta' Novembru, 2008

bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fis-sens illi stqarr htijietu meta huwa gie mitkellem mill-Pulizija u ta dettalji konkreti tas-serqa li kkommetta, kif ukoll irritorna il-pannelli kollha. Din il-Qorti ghalhekk sejra toqghod fuq il-parir ta' Joseph Mizzi l-Probation Officer, pero' l-Qorti terga ttenni illi l-akkuzat irid ukoll jirrealizza li minbarra li ghandu jkompli jattendi l-appuntamenti kollha mal-professjonisti illi qeghdin hemmhekk biex jghinuh ghandu jirrealizza wkoll illi jekk huwa xi darba ma jikkoperax jew jerga lura ghall-hajja ta' qabel, imbaghad jintbaghat il-habs. Ghal din id-darba pero' sejra taghtih l-ahhar opportunita' u tawguralu illi jbiddel hajtu u jzomm l-istabbilita illi sal-lum irnexxielu jirbah.

**Decide**

IL-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 267, 269, 270, 289(1) u 334 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba mputazzjoni ghax hija alternativa ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni issib lil Marvic Mercieca hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontrih.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, bit-tama li l-imputat verament jibda hajja gdida tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, nonche tan-natura tar-reati kif ukoll tal-karattru tal-hati tqis illi jissussistu c-cirkostanzi mehtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-socjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati jitqieghed ukoll taht ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu.

Wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-hati Marvic Mercieca taht ordni ta' probation u servizz fil-kommunita fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet snin millum b'dan li għal dan l-iskop qieghda tordna li l-istess Marvic Mercieca jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficcjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma sogġġetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti ntegrali minnha; u

(b) tqieghed lill-istess Marvic Mercieca taht ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Marvic Mercieca bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom jinstab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess ggandhom jigu trasmessi minghajr dewmien lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficcjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Marvic Mercieca. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Marvic Mercieca kull sitt (6) xhur.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti qeghda tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol skont il-Ligi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (Ghawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**ORDNI TA' PROBATION**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

vs

Marvic Mercieca

Illum 15 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Marvic Mercieca detentur tal-karta tal-identita' numru 7284G gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sena millum, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera' li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Marvic Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 7284G ikun ghall-perjodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficcjal tal-Probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza mmedjatament lill-Ufficcjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficcjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficcjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficcjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficcjal tal-Probation.

5. Li joqghod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficcjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jergax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati ohra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft.) Marvic Mercieca

(ft.) Maureen Xuereb,
Deputat Registratur

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (Ghawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

# ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA' (MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Marvic Mercieca**

Illum 15 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Billi b'sentenza moghtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Marvic Mercieca detentur tal-karta tal-identita' numru 7284G gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-sehh ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed jigi maghmul din l-Ordni, u illi l-hati wera' li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Ghalhekk, tordna li l-hati Marvic Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 7284G u residenti 51, Triq Ulisse, Zebbug, Ghawdex, jaghti mitt (100) siegha xoghol/servizz fil-komunita' li jigi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xoghol/servizz ghandu jsir taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jzomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' mahtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha mahruga lilu skont il-htiega tal-kaz u s-sitwazzjoni;

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hati ghandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn zmien ghal zmien skont l-istruzzjonijiet mahruga lilu mill-Ufficcjal tal-Probation;

3. Li jwettaq b'mod sodisfaċenti dawk is-sieghat kollha ta' xoghol siewi fil-Kommunita' f'dawk il-hinijiet u ghal tul ta' dak iz-zmien kif specifikat aktar 'il fuq;

4. L-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita' mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur;

5. Il-hati ghandu javza mmedjatament lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita' b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita';

7. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita'; u

8. Partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita' ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita';

9. Il-hati ghandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita'.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz li dawn il-kundizzjonijiet ma jigux segwiti, issir denunzja, mill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Kommunita' quddiem il-Qorti kompetenti.

(ft.) Marvic Mercieca

(ft.) Maureen Xuereb,
Deputat Registratur

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat